MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2011

Numru. 1228/2009

**Pulizija**
**(Spettur Priscilla Caruana)**
**vs**
**Mario Agius**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Mario Agius ta' 38 sena, bin Joseph u Doris nee' Seychell, imwieled Pieta' fl-14 ta' Settembru 1971 u residenti f' numru 22, Triq San Frangisk, Qormi u detentur tal-karta tal-identita' numru 394271(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Fid-19 ta' April 2009 ghall-habta ta' 17:00hrs fejn l-Island Sanctuary, Delimara abbanduna kelba tar-razza German Shepard u gieghlha ssofri disprament,

Fl-istess data, hin u lok meta kellu fil-kustodja tieghu l-imsemmija kelba naqas milli jiehu l-kura tas-sahha taghha.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 20 ta' Novembru 2009 (esebit a fol. 23 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tas-7 ta' Lulju 2010 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi dawn il-proceduri inbdew wara li l-Pulizija rceviet kwerela minghand Emanuel Buhagiar u Godric Marston ghan-nom tat-Taqsima ghat-Trattament Xieraq tal-Annimali datata 8 ta' Mejju 2009 fejn gie rrapurtat li l-imputat fil-kawza odjerna kien abbanduna kelb tar-razza German Shepherd fi triq li tinsab qrib l-Island Sanctuary, Marsaxlokk u li dan l-agir kien imur kontra d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 8(2) u (3) tal-Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta. Mill-provi rrizulta wkoll li fid-19 ta' April 2009 ghall-habta tal-5.00pm l-imputat kien mar l-Island Sanctuary b'puppy tar-razza German Shepherd u gie nnutat minn volontiera tal-imsemmi santwarju ghall-annimali qed jorbot lil puppy barra s-santwarju. Meta huwa gie mitkellem minn Salvina Zammit[1] u Tanya Muscat[2], zewg haddiema fl-imsemmi santwarju, huwa qalilhom li kien sab il-puppy Ta' Qali u kien gabu is-santwarju sabiex izommuh. Meta Salvina Zammit qaltlu li

[1] Li xehdet waqt l0udjenza tas-7 ta' Lulju 2010.
[2] Li xehdet waqt l-udjenza tat-8 ta' Ottubru 2010.

huma ma kellhomx post sabiex izommu l-kelba ghaliex kienu mimlijin u ssugeritlu sabiex jew jiehu l-kelba fejn kien sabha jew altrimenti jzommha ghandu ghal lejl wiehed u l-ghada jehodha l-RSPCA huwa kien arroganti maghha u rrispondiha ‘halli f’idejja’. Mix-xhieda ta’ Salvina Zammit jirrizulta li wara ftit minuti li kien telaq l-imputat, li din ix-xhud identifikat bhala l-persuna li kien ried ihalli l-puppy maghhom, cemplet wahda mill-volontiera tas-santwarju li kienet hadet kelb iehor ghal passigjata fejn din qaltilhom li kienet rat lil puppy li kien prova jhalli l-imputat abbandunat ftit metri l-boghod mis-santwarju Mill-provi rrizulta wkoll li dan il-kelb gie imbaghad mehud is-santwaju mill-volontiera tal-istess santwarju u Salvina Zammit imbaghad ghamlet rapport mal-Pulizija (rapport relattiv inserit a fol. 40 sa 42 tal-atti processwali) fejn din infurmat lil Pulizija li gie abbandunat dan il-kelb u ghaddiet in-numru tar-registrazzjoni tal-persuna li kien prova jhalli dan il-kelb is-santwarju. Meta Emanuel Buhagiar u Godric Marston mill-Animal Welfare Department u sussegwentement PS 1227 Malcolm Pace kellmu lill-imputat huwa ammetta maghhom li kien hu li abbanduna il-puppy in kwistjoni hdejn is-santwarju wara li sab il-kelb Ta’ Qali u wara li l-kelb gie rifjutat mis-santwarju.

L-imputat li ghazel li jixhed f’dawn il-proceduri fejn ikkonferma dak li kien qal lil Pulizija u lil Buhagiar u Marston fis-sens li qal li kien sab il-puppy Ta’ Qali u kien xtralu bowl u l-ikel u imbaghad hadha s-santwarju ta’ Marsaxlokk sabiex ihalliha hemm u meta dawn irrifjutaw li jzommuha huwa telaqha vicin is-santwarju izda hallielha l-ikel u x-xorb.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat qed jigi akkuzat li abbanduna l-imsemmi kelba tar-razza German Shepherd u geghlha ssofri disperament kif ukoll meta kellu fil-kustodja tieghu l-imsemmija kelba naqas milli jiehu l-kura tas-sahha taghha (vide Artikoli 8(2) u (3) tal-Kap. 439 tal-Ligijiet ta’ Malta). Jibda sabiex jinghad li ma hemmx dubju li kien l-imputat li halla l-puppy li nstab vicin is-santwarju ftit minuti biss wara li huwa prova ihalliha s-santwarju bla success. Dan jirrizulta

kemm mix-xhieda tal-istess imputat kif ukoll mix-xhieda ta' Salvina Zammit li gharfet lill-imputat bhala l-persuna li kien prova ihalli l-kelba is-santwarju u li gharfet il-kelba li sabu abbandunata bhala l-istess kelba li prova jhalli maghhom l-imputat. Il-Qorti jidrilha li dan l-agir da parti tal-imputat jammonta ghall-abbandun kontemplat fl-Artikolu 8(2) tal-Kap. 439. Huwa minnu li l-imputat qed isostni li huwa sab lil din il-kelba abandunata Ta' Qali u hadha s-santwarju izda una volta li huwa ha l-isbriga li jiehu din il-kelba min Ta' Qali sa Marsaxlokk u ghalhekk kellu l-kustodja ta' din il-kelba una volta li s-santwarju infurmah li ma setghux izommu il-kelba u qalulu li huwa seta' ha l-istess kelba l-ghada l-RSPCA, il-fatt li huwa telaq kelba daqshekk zghira sabiex tfendi ghal rasha meta din kienet fil-kustodja tieghu jammonta ghal abbandun. Il-Qorti jidrilha li jekk huwa verament sab il-kelba abbandunata Ta' Qali u ddecida li jiehu din il-kelba huwa assuma ir-responsabilita' ghal din il-kelba. Jekk ma riedx jassumi din ir-responsabilita' messu ma hax l-isbriga li jiehu l-kelba minn Ta' Qali ghal Marsaxlokk anki ghaliex huwa stess ammetta li dina m kienitx l-ewwel darba li mar is-santwarju u ghalhekk seta' jissupponi li kien hemm il-possibilita' li l-kelba tigi rifjutata ghaliex ma jkollhomx post fejn izommuha.

Il-Qorti ghalhekk jidrilha li l-ewwel(1) imputazzjoni tirrizulta pruvata sal-grad rikjest mill-ligi. L-istess ma jistghax jinghad ghat-tieni(2) imputazzjoni stante li mill-provi bl-ebda mod ma rrizulta li waqt li l-kelba kienet fil-kustodja tal-imputat huwa ghamel xi haga li kienet detrimentali ghas-sahha taghha. Mill-provi fil-fatt irrizulta li meta huwa abbanduna l-kelba hallilha l-ikel u x-xorb.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti jidrilha li ghandha timponi piena pekunjarja aktar vicin il-minimum u dan stante li kif ghadu kemm inghad l-imputat abbanduna l-kelba vicin is-santwarju bl-isperanza li din tinstab u tittiehed fl-istess santwarju u inoltre hallilha l-ikel u x-xorb.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 8(2) u 45(1) tal-Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel(1) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u

tikkundannah multa ta’ erba’ mitt Ewro (€400). Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tat-tieni(2) imputazzjoni u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------